**11 ta' Diċembru 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

*Pio Briffa et*

*versus*

Joseph Aquilina nomine

**Molestja — Makkinarju — Domanda fiċ-ċitazzjoni.**

*Tkun formulata tajjeb talba f'ċitazzjoni jekk tkun konċepita b'mod ċar u esplicitu iżda jkun imħolli fil-ġudizzju tal-Qorti l-mod kif jiġi raġġiunt l-iskop, li hija diretta li jiġi milħuq.*

*Għalkemm hu veru li wieħed huwa ntitolat jagħmel użu mid-dritt tiegħu, iżda dan l-użu jrid ikun f'limiti ġusti u kwindi anke konċiljat ma drittijiet oħra ta' ħaddieħor li altrimenti jistgħu jiġu vjolati.*

*B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju l-Qorti tista' timponi ċerti restrizzjonijiet fuq utent ta' makkinarju li jikkaġuna molestja lil ġarr 'meta jħaddem l-istess makkinarju.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-attur Pio Briffa joqgħod fil-fond 2, Briffa Flats, Reid Street, Gzira u Doris Sciberras toqgħad fil-fond "Doris House" Nazju Ellul Street, Gzira, liema fondi huwa attigwi għall-fabbrika tal-konvenut magħrufa bħala "Golden Harvest Factory" f'Reid Street, Gzira. U billi f'dik il-fabbrika l-konvenut iżomm u jħaddem makkinarju li bil-ħsejjes u d-dħaħen tiegħu qiegħed jimpedilhom inġustament il-godiment liberu u pjen tal-fondi tagħhom fuq imsemmijin, u hekk qed jirrekalhom molestja gravi talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportun — din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jillibera l-fondi tagħhom minn kwalunkwe molestja derivanti mill-impjant u eżerċizzju tal-makkinarju fuq imsemmi, billi jneħħi l-kawża ta' dawn il-molestja, u billi għal dawn il-finijiet din l-istess Qorti tagħti kull provvedimenti neċessarju. Bl-ispejjeż.

Omissis:

Illi l-iskop tal-istanza attwali hu dak li titneħħa l-molestja li l-atturi allegaw li qegħdin isofru mħabba l-istallazzjoni ta' makkinarju lill-konvenut nomine għamel fil-fabbrika tie-

għu adjaċenti għall-proprjetà tagħhom, u konsistenti fi ħsejjeż u dħaħen, għal dana l-oġġett l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenut ineħħi l-kawża tal-molestja u l-Qorti tagħti l-provvedimenti neċessarji

Illi l-konvenut oppona żewġ eċċezzjonijiet għal dina d-domanda, li minnhom l-ewwel waħda (u ċioè li ebda provvediment speċifiku ma ntalab b'mod li d-domanda ssir indeterminata u m'hux ċara) twassal għall-liberazzjoni *'ad observantia'* u l-oħra (u ċioè li l-konvenut qed juża minn dritt tiegħu f'miżura leċita) twassal għal-liberazzjoni mid-domanda.

Ikkunsidrat fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Illi huwa veru li l-atturi m'huma jitolbu ebda ħaġa partikolari li għandha tiġi *ordnata lill-konvenut* biex *jagħmel* ħalli jillibera l-fondi tagħhom mill-molestja allegata, dan però ma jirendix l-istess domanda m'hux intelliġibbli per sè, din hija konċepita b'mod ċar u espliċitu, u hu mħolli fil-ġudizzju tal-Qorti biss il-mod kif, fil-każ li dik d-domanda tinsab ġustifikata u fondata, tiġi raġġunt l-iskop *li hija diretta li jiġi* milħuq. Dan hu kif għandu jkun billi l-limiti li għandhom jiġu stabbiliti dwar it-tgawdija min viċini tad-drittijiet rispettivi fuq il-proprjetà tagħhom, huma ħaġa li tispetta lill-Qorti tiddetermina finalment u domanda konċepita b'mod li twassal għal dana l-oġġett ma tistax tiġi kunsidrata magħmula ħażin; dina hija l-forma wżata f'domandi simili billi tovvja wkoll għall-possibilità li l-mod *suġġerit* mill-parti *ma jinkontrax il-veduti* tal-Qorti u d-diffikoltà li jintlaħaq il-veru skop tad-domanda f'dak il-ġudizzju billi dak il-mod ikun irid jiġi miċħud u għalhekk ikollu jsir ġudizzju ieħor, u dana kontrarjament għar-regola ferm magħrufa li għandu jkun hemm ekonomija u mhux moltiplikazzjoni ta' ġudizzji. Din l-eċċezzjoni għalhekk m'hix fondata u qegħda tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut kif ċitat.

*Ikkunsidrat fuq it-tieni eċċezzjoni:*—

Illi dina l-eċċezzjoni tolqot il-veru meritu tal-kawża u fiha tirrakkjudi l-indaġini li għandha ssir biex wieħed jara t-talba hiex fondata jew le; infatti m'hux biżżejjed li wieħed jagħmel użu mid-dritt tiegħu iżda dan l-użu jrid ikun f'limiti ġusti u kwindi anke konċiljat ma drittijiet oħra ta' ħaddieħor li altrimenti jistgħu jiġu vjolati b'dak l-użu u dan ikun illeġittimu u għalhekk resprimibbli. Fil-każ preżenti r-rikonċiljazzjoni tad-drittijiet tal-kontendenti trid tkun skond ir-regola li jissuġġerixxu r-rapport tal-"buon vicinato", u billi huma l-atturi li qegħdin jallegaw li l-konvenut qed joltrepassa l-limiti hekk suġġeriti, tispetta lilhom il-prova ta' dina l-allegazzjoni;

Illi fl-eżami tal-provi prodotti l-Qorti sejra tipprexindi mill-fatt jekk il-konvenut għandux il-permess li juża l-makkinarju in kwistjoni fil-fond tiegħu skond ma tirrikjedi l-liġi tal-Pulizija u dana in vista tal-importanza biss relativa ta' permess simili fl-eżami ta' kwistjoni bħal preżenti kif rilevat minn dina l-Qorti fis-sentenza tagħha riportata fil-Volum XXXIII, 365 u sentenza hemm ċitata. Ma jistax però jingħad l-istess ħaġa dwar il-prova kostitwita mid-dokument a fol. 68 tal-proċess li f'dina l-konnessjoni ġie prodott, safejn l-istess issib korroborazzjoni u fl-istess ħin tikkorrobora dak li rriżulta f'dana l-ġudizzju min provi oħrajn;

Illi l-molestja lamentata tinsab konfermata mix-xhieda tal-atturi stess u anke tan-nies li huma pproduċew tirriżulta wkoll mill-prova li saret permezz taż-żewġ periżji ordnati, u hija magħmula tikkonsisti mill-ħsejjes prodotti mill-makkinarju fil-fabbrika tal-konvenut minħabba l-vi[illegible]azzjoni li dan jipproduċi u li tiġi trasmess[illegible] fil-fondi viċini, apparti mill-ħoss tal-makni li jaħdmu a destinzjoni min dina l-vibrazzjoni li jinstema' mill-istess fondi viċini. Id-dħaħen jew aħjar nugrufun jissemma min xi xhieda però ma jirriżultax li ġie nv[illegible]sti-

gat mill-Perit jew Periti. Jiġi hawn notat li fl-aħħar perizja saret distinzjoni bejn il-molestja sofferta mill-attur Briffa u dik sofferta mill-attriċi Sciberras fis-sens li ta' l-ewwel hija fi grad iżjed ħafif min dik tat-tieni; b'dana kollu, kunsidrat l-provi kollha, il-Qorti hija tal-fehma li anke fil-konfront tal-attur Briffa l-molestja hija gravi biżżejjed biex tiġġustifika l-azzjoni minnu promossa billi x-xhieda tal-inkwilini tiegħu, li m'għandhomx interess fil-proprjetà bħala tali (kif jista' jkollu l-attur stess, u l-konvenut ried b'xi mod jagħti x'jifhem li jista' jeżisti dana l-interess l-aktar fir-rigward tal-attriċi Sciberras), hija univoka u elokwenti f'dana r-rigward, u għandu jiżdied li l-molestja m'hux neċessarjament għandha tkun tal-gravità *li ma tħallix lil wieħed jorqod jew li tqajmu jekk ikun raqad iżda* biżżejjed li tkun tali li serjament tfixkel dak il-mistrieħ *normali* fil-ħinijiet speċjalment li wieħed jistrieħ fihom;

*Illi fit-trattazzjoni orali* l-konvenut ma ppruvax imur kontra l-*konklużjonijiet tal-perizji* u ssottometta biss *li għandu* jkun hemm moderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż fir-rigward tal-attur Briffa — dak li m'hemm lok għaliħ in vista ta' dak *li* għadu kif ntqal dwar il-ġustifikazzjoni tiegħu li jibda dina l-kawża; jista' fl-istess sens jiżdied li l-istess Briffa, meta waqt l-aċċess il-ħsejjes kienu tollerabbli (u l-konvenut jidher li qagħad attent li ma jkunux f'misura ntollerabbli) iddikjara li kieku dejjem kienu hekk hu ma jsib ebda oġġezzjoni, billi dan juri li oġġezzjona meta kien hemm r-raġuni. Ġie sottomess ukoll li l-konvenut qiegħed jipprova jġib xi materjal biex il-ħoss jonqos u li hu bi ħsiebu jagħmel b'mod li jsegwi s-suġġerimenti tal-periti għal dana l-iskop, għalkemm dana ntqal bla preġudizzju tas-sottomissjoni li l-lum xejn m'hu jiġri oltri l-limiti tollerabbli, b'dana kollu jirriżulta li dana l-limiti hu oltrepassat u l-fatt li l-konvenut għadu sal-lum ma għamilx dak li kien ġie ndikat meħtieġ xhur ilu (almenu minn Awissu 1965 meta xehed il-Perit Bianchi fol. 52 u ġie firmat id-dokument a fol. 68) ma jiġġustifikax protilazzjoni iżjed sakemm

*dan* *isir* la darba l-konvenut ma weriex ruħu pront li sakemm isir dan hu ma jħaddimx il-makkinarju; anzi dana l-atteġġjament tiegħu *jirrikjedi deċiżjoni li tkun tali li tissalvagwarda* l-esekuzzjoni preċiża tal-provvediment li għandu jingħata fuq it-talba attriċi, salva riżerva favur tiegħu għal meta jkun dak li għandu jsir u b'mod li l-oppożizzjoni attriċi ma jkollhiex iżjed raġuni li teżisti u kwindi fid-dawl ta' dak li jkun ġara u l-effetti prodotti u m'hux biss prevedibbli li jiġu prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi jsemmu li l-makkinarju jaħdem il-ġurnata kollha u fiċ-ċitazzjoni talbu li titneħħa l-kawża tal-molestja li qegħdin isofru. Dan jista' jiftiehem li l-konvenut m'għandux jitħalla jħaddem il-makkinarju f'ebda ħin; hu ovvju però li dan ma jistax isir u fit-trattazzjoni tal-kawża l-konvenuti wrew li qatt ma riedu jesiġu daqshekk mingħand il-konvenut li jidhru li jirrikonoxxu li fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja tal-lum ċerti nkonvenjenzi huma inevitabbli; wieħed l-anqas ma jista' ma jżommx preżenti l-importanza tal-industrija tal-konvenut, b'mod li kull restrizzjoni li għandha tingħata trid tkun tali li tħallilu l-possibilità tal-kontinwazzjoni tal-istess u trid tkun fil-limiti strettament rikjesti biex l-atturi jkollhom il-mistrieħ tagħhom fil-ħinijiet ugwali. F'dana r-rigward il-Qorti tħoss li l-adozzjoni tal-miżura suġġerita fid-dokument a fol. 68 tissodisfa l-esiġenza tal-prinċipju enunċjat, u tapplika l-istess fis-sens li m'għandux jitħaddem il-makkinarju kollu, jew anke xi parti minnu, għaż-żmien hemm msemmi u ċioè mill-ħdax ta' bil-lejl sas-sebà' tal-għada fil-għodu; m'hux il-każ li tit-ħalla titħaddem xi parti mill-makkinarju peress li jirriżulta li f'xi ħin, jekk ikun qiegħed isir xogħol, ikun hemm bżonn li jitħaddem il-makkinarju kollu jew kważi u miżura simili tiftaħ triq għal ħafna kwistjoni, il-maġġor parti nkontrollabli, dwar l-esekuzzjoni preċiża tal-provvediment rikjest;

Għal dawna l-motivi u għal dawk indikati fil-perizji saħejn kompatibbli mal-premess;

Il-Qorti tipprovdi ulterjorment fuq l-istanza attriċi, fil-meritu billi tiċħad l-eċċezzjoni opposta mill-konvenut u tordna li l-konvenut ma jħaddimx il-makkinarju, jew xi parti minnu, eżistenti fil-fabbrika tiegħu u ndikat fir-relazzjonijiet peritali, bejn il-ħdax ta' fil-għaxija u s-sebgħa tal-għada fil-għodu, u dana sakemm dana l-ordni ma jiġix revokat jew modidifikat b'sentenza oħra fuq talba apposita li jintenta l-konvenut, wara li jkun esegwixxa xogħol li jiġġustifika azzjoni simili u skond ma jiġi allura deċiż. L-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni jitħallsu wkoll mill-konvenut.